



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2022
SWD(2022) 35 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha**

(L-Att dwar id-*Data*)

{COM(2022) 68 final} - {SEC(2022) 81 final} - {SWD(2022) 34 final}

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Il-problema ġenerali hija n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ta' <i>data</i> biżżejjed biex tintuża fl-ekonomija Ewropea. Dan jiġri l-aktar minħabba n-nuqqas ta' ċarezza dwar id-drittijiet tad- <i>data</i> , l-iżbilanċi fis-setgħa tan-negozjar, l-aċċess limitat għal servizzi tal-cloud ġusti u affidabbli, u n-nuqqas ta' interoperabbiltà tad- <i>data</i> transsettorjali fl-UE. Dan jaffettwa firxa ta' setturi ekonomiċi u jwassal għan-nuqqas ta' użu biżżejjed tad- <i>data</i> fil-livell tal-UE, u dan jaffettwa ħażin l-għażla tal-konsumaturi, l-innovazzjoni u l-għoti tas-servizzi pubbliċi.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
L-oġettiv hu li jiġi massimizzat il-valur tad- <i>data</i> fl-ekonomija u fis-soċjetà billi ikun żgurat li firxa usa' ta' partijiet ikkonċernati jiksibu kontroll fuq id- <i>data</i> tagħhom u li jkun hemm aktar <i>data</i> disponibbli għall-użu, u jinżammu l-inċentivi għall-investimenti fil-ġenerazzjoni tad- <i>data</i> .
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Haġna mill-ktajjen tal-valur tad- <i>data</i> fl-UE huma strutturati b'mod transfruntier, filwaqt li d-detenturi u l-utenti tad- <i>data</i> huma mxerrdin f'diversi Stati Membri. Għalhekk, il-problemi identifikati mhumieks speċifiċi għal Stat Membru wieħed partikolari. Minflok, dawn jaffettwaw is-suq uniku kollu. Din hija r-raġuni għalfejn azzjoni kkoordinata tal-UE tista' żżid il-valur lill-ekonomija Ewropea u lis-soċjetà Ewropea meta mqabbel ma' azzjoni minn Stati Membri individwali.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-oġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
Din l-inizjattiva tinkludi miżuri li jżidu ċ-ċertezza legali dwar l-aċċess għad- <i>data</i> , jevitaw l-abbuż ta' żbilanċi kuntrattwali, jiffaċilitaw l-użu tad- <i>data</i> miżmuma kummerċjalment mill-korpi tas-settur pubbliku, jiffaċilitaw il-qlib bejn il-fornituri affidabbli ta' servizzi tal-ipproċessar tad- <i>data</i> , u jistabbilixxu qafas għall-interoperabbiltà effiċjenti tad- <i>data</i> . Il-valutazzjoni tal-impatt ikkunsidrat erba' għażliet ta' politika. L-Għażla 1 tinvolvi intervent minimu, b'miżuri mhux vinkolanti li jiffaċilitaw aċċess u użu tad- <i>data</i> aktar effiċjenti u bbilanċjati, b'mod aktar ġust. L-Għażla 2 tipproponi sett limitat ta' miżuri leġiżlattivi li jiffaċilitaw l-użu tad- <i>data</i> , filwaqt li ssaħħaħ iċ-ċertezza ġuridika dwar kif u minn min tista' tintuża d- <i>data</i> . L-Għażla 3 tipproponi obbligi aktar estensivi f'termini tal-użu tad- <i>data</i> minn negozji terzi, konsumaturi u korpi tas-settur pubbliku, kif ukoll dispożizzjonijiet aktar sodi f'termini ta' obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi tad- <i>data</i> u rekwiżiti tal-interoperabbiltà.
L-analiżi kkonkludiet li l-Għażla 2 hija l-għażla ppreferuta. Għaliex? Din ittejjeb iċ-ċertezza legali dwar id- <i>data</i> (inkluż id-drittijiet tal-bażi tad- <i>data sui generis</i> għad- <i>data</i> ġġenerata mill-magni), iżżid l-ammont ta' <i>data</i> disponibbli għall-użu mill-ġdid u jagħti kontroll akbar lill-konsumaturi u lill-kumpaniji fuq id- <i>data</i> , u jillimita l-kostijiet tad-detenturi tad- <i>data</i> biex id- <i>data</i> ssir aktar aċċessibbli u jinżammu l-inċentivi għall-ġenerazzjoni tad- <i>data</i> . Tintroduċi wkoll approċċ leġiżlattiv b'rabta mal-ġustizzja u l-affidabbiltà tal-infrastrutturi tal-ipproċessar tad- <i>data</i> , flimkien ma' standardizzazzjoni mmexxija mill-industrija tal-interoperabbiltà teknika għall-qlib tal-cloud.
X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?
Haġna mill-partijiet ikkonċernati jikkonfermaw li verament jeżistu l-ostakli identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt. Iżda l-opinjoni dwar x'għandu jsir dwarhom huma maqsuma: id-detenturi tad- <i>data</i> (eż. il-manifatturi tal-karozzi), konxji mill-intervent regolatorju, jixtiequ jaraw soluzzjonijiet immirati biss fuq fallimenti ċari tas-suq. Min-naħa l-oħra, l-intrapriżi żgħira u medji (SMEs) li jużaw id- <i>data</i> (speċjalment dawk attivi fis-servizzi ta' wara l-bejgħ) jappellaw għad-dritt tal-aċċess għad- <i>data</i> u jaqblu ma' rieżami tad-dritt <i>sui generis</i> . L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi jisħqu wkoll fuq il-ħtieġa li l-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jagħżlu l-fornituri tas-servizzi tagħhom. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati jaqblu bejniethom li hemm bżonn regoli tal-UE li jiżguraw il-portabbiltà fil-cloud u li jħarsu lill-utenti tal-cloud mill-aċċess illegali għad- <i>data</i> tagħhom minn barra l-UE. Jaqblu li għandu jittaffa l-piż amministrattiv permezz ta' simplifikazzjoni tar-regoli dwar il-kondiviżjoni tad- <i>data</i> bejn in-negozji u l-gvern.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
L-għażla ppreferuta żżid il-PDG tal-UE-27 b'1.98 punti perċentwali sal-2028, u żżid id-dħul tal-gvern u l-attivitajiet tal-investiment b'€96.8 biljun u €30.4 biljun rispettivament fil-perjodu 2024-2028. Din l-inizjattiva toħloq ukoll 2.2 miljun impjieg addizzjonali. Il-benefiċċji stmati għal kull żona ta' intervent huma kif ġej: - il-konsumaturi u l-kumpaniji jkollhom is-setgħa jużaw prodotti konnessi u servizzi relatati, u tiżdied id-disponibbiltà tad-<i>data</i> għall-użu kummerċjali u għall-innovazzjoni bejn in-negozji, u dan kollu jiġġenera sa €196.7 biljun kull sena sal-2028; - titjeb il-ġustizzja kuntrattwali, u dan jiġġenera €7.4 biljun addizzjonali kull sena; - jeħfief l-użu tad-<i>data</i> miżmuma kummerċjalment għall-finijiet ta' interess pubbliku: il-piż amministrattiv jonqos sa €155 miljun kull sena; - jeħfief l-aċċess għal servizzi cloud u edge ġusti u affidabbli: €7.1 biljun addizzjonali kull sena.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Il-kostijiet tal-għażla ppreferuta jinkludu: - l-obbligu tal-manifatturi li jippermettu aċċess f'kuntest bejn negozju u ieħor/bejn negozju u konsumatur, infrastrutturi tekniċi: €410 miljun bħala kostijiet ta' darba u €88 miljun bħala kostijiet rikorrenti; - jiżguraw il-ġustizzja kuntrattwali: €69 miljun kull sena; - il-kondiviżjoni tad-<i>data</i> bejn in-negozji u l-gvern: €552.5 miljun bħala kostijiet ta' darba u €78.1 miljun bħala kostijiet rikorrenti; - ir-rekwiżiti tal-interoperabilità: €1 miljun (għal kull standard).
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?
L-SMEs huma fost il-benefiċjarji ewlenin tal-Att dwar id-<i>Data</i>. Ir-regoli l-ġodda jipprovduhom aktar riżorsi tad-<i>data</i> billi jibbilanċjaw mill-ġdid id-distribuzzjoni tal-valur tad-<i>data</i> fost l-atturi tas-suq, isaħħu l-abbiltà tagħhom li jikkompetu, u jkomplu jagħmlu n-negozju tagħhom. Biss biss, l-indirizzar tal-iżbilanċ fir-relazzjonijiet kuntrattwali bilaterali jagħti spinta lill-qliġ tal-SMEs b'madwar €5.2 biljun kull sena.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
L-inizjattiva ma tħallix impatt fuq il-baġits nazzjonali, għajr il-miżuri fil-kuntest tal-użu tad-<i>data</i> bejn in-negozji u l-gvern. L-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt stima li l-ħolqien ta' strutturi nazzjonali li jissimplifikaw l-użu tad-<i>data</i> bejn in-negozji u l-gvern se jiswa €21.6 miljun kull sena għall-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
L-inizjattiva ttejjeb is-servizzi u l-politiki pubbliċi, u tippermetti rispons aktar effettiv u rapidu għall-emerġenzi pubbliċi. Tagħti wkoll kontroll akbar lill-konsumaturi u lill-kumpaniji fuq l-użu tad-<i>data</i> li jiġġeneraw, u ssaħħaħ il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fl-ekonomija diġitali. Finalment, b'aktar effiċjenza tan-negozju u fil-manifattura jonqsu l-iskart u l-ħela, jonqos il-konsum tal-enerġija u jonqsu l-emissjonijiet tas-CO₂.
Proporzjonalità?
Din l-inizjattiva tfasslet biex tindirizza problemi transfruntiera u transsettorjali b'rabta mal-aċċess u l-użu tad-<i>data</i>. Minn din il-perspettiva, hija proporzjonata mal-eżitu mixtieq u toffri biżżejjed flessibbiltà għal aktar miżuri nazzjonali u speċifiċi għas-settur.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Il-politika se tiġi rieżaminata wara 4 snin mill-adozzjoni tal-Att dwar id-<i>Data</i>.